# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2534

**Kaz Nru. 3234/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christian Grech (ID 385590 (M) )**

**u**

**International Trading Company Limited.**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD (UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Christian Grech, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl'4 ta' April, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz ir-Rikorrent kien assistit mill-Avv. Abigail Critien u ghas-Socjeta ntimata deheru Ms**

**Jacqueline Higgans u Ms Marcelle Bonello li kienu assititi mill-Avv. Ian Spiteri Bailey.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li kien impjegat mas-socjeta intimata fuq bazi indefinittiva fil-grad ta' Deliveryman. Huwa jghid ukoll, li nhar is-17 ta' Jannar, 2014 kellu ncident barra il-post tax-xoghol tieghu u konsegwentement hareg bis-sick leave fejn kien kopert b'certifikat "open" tal-mard.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li kien kellem lil Ms Jacqueline Higgins fejn infurmaha li nhar il-21 ta' Jannar, 2014 kellu jmur ghat-terapija u ghaldaqstant l-imsemmija kienet taf bil-gurnata u l-hin meta kien ser imur ghat-terapija.**

**Huwa jkompli jghid li permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar, 2014 gie nfurmat li t-tabib tal-Kumpanija mar fir-residenza tieghu izda ma sabux hemm u ghalhekk intalab jipprovdi dokumentazzjoni sabiex jiggustifika l-fatt li meta mar it-tabib ma sabux id-dar. Huwa jghid ukoll, li kien kopert b'certifikat mahrug mit-terapista tieghu b'dan li ntbaghat messaggier ghac-certifikat imsemmi kif ukoll ghall-ewwel certifikat.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li hekk kien wasal biex itihom it-tieni certifikat mediku huwa ircieva ittra datata 27 ta' Jannar, 2014 fejn gie mgharraf li x-xoghol tieghu kien qed jigi terminat abbazi ta' disciplinary grounds.**

**Ir-rikorrent jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ma kienitx wahda valida ai termini tal-ligi u ghaldaqstant, talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija bhala deliveryman fis-sezzjoni tad-Domestic appliances u tghid ukoll, li matul l-impjieg tieghu kien hemm sekwenza ta' incidenti li holqu hafna tensjoni. Konsegwenza ta' dan kien inghata twissija fit-30 ta' Lulju, 2013 fuq il-modd kif kien libies u li ma kienx f'kundizzjoni tajba biex jahdem b'rizultat, li kellha titwaqqaf ix-schedule tad-deliveries ta' dik il-gurnata. Min naha tieghu huwa ghal din is-sitwazzjoni kien ta' ir-raguni li kellu xi problemi personali.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li ncident iehor kien f'Dicembru 2013, waqt li kien qieghed jigi mghobbi x-xoghol minn gol mahzen, deliveryman**

**iehor kien fakkar lil Ms Bonello biex ma tinsihiex li kienet taghtu l-leave u li kien gie approvat ghall-20 ta' Dicembru, 2013. Is-socjeta tghid, li dak il-hin stess ir-rikorrent talab li jiehu wkoll jumejn leave ghall-istess gurnata ta' 20 ta' Dicembru u wkoll ghall-ghada 21 ta' Dicembru, 2013. Is-socjeta tghid, li peress kien se jkun hemm deliveryman iehor bil-leave ma setghatx tapprova l-leave tar-rikorrent u b'reazzjoni ghal dan huwa holoq argument ma Ms Bonello, liema argument komplieh fil-ghaxija wara li kien spicca mix-xoghol fejn baqa jinsisti b'ton gholi u aggressiv biex jigi moghti l-leave. Is-socjeta tghid, li r-rikorrent ghamel dan waqt li Ms Bonello kienet qeghda taghlaq ordni kbira mal-klijenti u ghalkemm qaltlu li kienet ha ccempillu aktar tard peress li kellha n-nies, huwa xorta wahda baqa' jinsisti li dak il-leave kien ha jiehdu.**

**Is-Socjeta tghid ukoll li ghalkemm fl-20 ta' Dicembru, 2013 huwa dahal ghax-xoghol izda kien irrabjat hafna tant li saq it-truck b'negligenza u b'velocita kbira. Is-socjeta tghid ukoll, li huwa ghamel dan meta fuq it-truck kien hemm merkanzija delikata u ta' valur gholi.**

**Is-Socjeta tghid ukoll li nhar il-21 ta' Dicembru, 2013 ir-rikorrent ma marx ghax-xoghol minkejja li l-leave tieghu ma kienx approvat. B'rizultat ta' dan huwa gie moghti zewg twissijiet verbali, wiehed ghax**

**kien gholla lehnu ma Ms Bonello u iehor ghax kien naqas milli jattendi ghax-xoghol fil-21 ta' Dicembru, 2013.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li ta' kuljum waqt li kien ikun qed jghabbi x-xoghol kien kontinwament juza l-mobile u diversi drabi kien jigi mwissi li l-uzu tal-mobile fuq ix-xoghol ma kienx permess. Is-Socjeta tghid, li ghalkemm kontinwament kien jigi mwissi huwa kien jinjora lis-superjuri tieghu u wara ftit tal-hin kien jerga jibda juza l-mobile. Is-socjeta tghid ukoll, li kien hemm deliveryman iehor li kien jinnota dan l-uzu eccessiv tal-mobile tant, li dan kien jilmenta mal-management li ma kellux ghajnuna fuq it-truck minghand ir-rikorrent biex jikkuntatja lil klijenti waqt li hu kien qed is-suq.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li kienet tircievi lmenti mill-klijenti li kien jitkellem b'mod mhux xieraq quddiemhom u liema kliem hazin ma sarx biss quddiem klijenti, izda quddiem impjegati ohra tal-kumpanija specjalment meta kien jintbaghat jaghmel xi xoghol. Is-socjeta tghid ukoll, li kien hemm okkazzjoni fejn ir-rikorrent kien irrifjuta li jsuq it-truck tax-xoghol u li jmur ghand klijent importanti u liema xoghol kellu jsir minn Deliveryman iehor.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li d-Direttur Ms Bonello kienet saret taf li r-rikorrent kien applika ghax-xoghol ta' puluzija u li sahansitra darba minnhom kien qieghed jippjana li jiehu tlett ijiem sick leave. Id-direttur saret taf b'dan ghax ir-rikorrent kien stqarr ma wahda mill-impjegati li kien se jiehu it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgha sick leave minhabba xi ezamijiet ghal-korp tal-puluzija.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent waqt ix-xoghol fix-showroom kien qal kliem mhux xieraq fuq Ms Bonello ma impjegati ohra u nies barranin li kienu qeghdin jaghmlu xi xoghol fix-showroom.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrent cempel fit-18 ta' Jannar li kien ma jiflahx ghax kellu nefha f'siequ u huwa gie nfurmat, li jekk kellu nefha f'saqajh ghandu jmur l-isptar biex jiehu x-ray. Dwar dan, ir-rikorrent nforma lill management li t-tabib tieghu kien qallu biex isserrah saqajh.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li Ms Jacqueline Higgans cemplet lir-rikorrent nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar u qallha, li kien ghadu ma marx ghand it-tabib u minkejja li kienet kelmietu fil-ghodu kien ghadu ma ghamilx kuntatt maghha sal-hamsa ta' fil-ghaxija. Ghal din ir-raguni, Ms Higgans regghet cemplet lir-rikorrent fejn infurmaha li kellu appuntament mat-tabib fis-sitta u nofs ta' fil-ghaxija. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent baqa ma ghamilx kuntatt ma Ms Higgans u meta ppruvat iccempillu l-mobile tieghu kien mitfi.**

**Ms Higgans tghid ukoll, li l-ghada t-Tlieta meta ghamlet kuntatt mar-rikorrent kien qallha, li meta mar ghand it-tabib ma kienx hemm u ghaldaqstant infurmathu li kienet se tibghat it-tabib tal-kumpanija biex jinvistah u jiddeciedi jekk setghax jidhol ghax-xoghol u jghamel light duty. Dwar dan ir-rikorrent informa lil Ms Higgans, li fil-ghodu ma kienx se jkun id-dar ghax kellu appuntament Mater Dei u wara nofs inhar kellu jmur jghamel massage ghal saqajh. Hija nfurmat lir-rikorrent, li la darba t-tabib tieghu ma kienx rah kienet se tibghat it-tabib tal-kumpanija. Dwar dan ir-rikorrent infurmaha, li kien se jistenna lit-tabib sa nofs siegha peress li kellu l-appuntamenti msemmija.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li Ms Higgans irceviet telefonata minghand ir-rikorrent f'nofs inhar u ghaxra fejn infurmaha, li t-tabib tal-kumpanija kien ghadu ma marx jinvistah u kwarta wara rceviet telefonata minghand it-tabib tal-kumpanija fejn infurmaha, li meta mar izur lir-rikorrent sab lill ommhu fejn qaltlu li kien mar ghat-terapija. Is-Socjeta tghid ukoll, li f'dan il-mument waqt li Ms Higgans kienet f'kuntatt mar-rikorrent kienet qaltlu, li l-kumpanija kienet taf li hu kien qed jghamel l-ezamijiet tar-reklutagg mal-puluzija.**

**Fl-istqarrija taghha s-socjeta tghid, li l-Hamis 22 ta' Jannar fid-disgha u nofs ta' fil-ghodu, Ms Higgans ikkuntattjat lir-rikorrent permezz ta' sms biex tavzah, li mpjegat tal-kumpanija kien se jghaddi d-dar ghandu biex jigbor is-sim card li kienet tal-kumpanija, izda r-rikorrent infurmaha li**

**f'dak il-hin ma kienx se jkun id-dar, ghax kien se jkun ma ommu jzur xi qraba tal-familja. Minkejja dan, xorta wahda ntbghat l-impjegat tal-kumpanija d-dar tar-rikorrent, izda kif diga kien informa huwa ma kienx id-dar. Fl-istqarrija tal-kaz Ms Higgans tkompli tghid, li kien fil-hdax ta' fil-ghodu li rceviet sms minghand ir-rikorrent fejn infurmahha, li f'dak il-hin kien qieghed id-dar. Is-socjeta tghid ukoll, li kien ghal hin ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar li bghatet impjegat biex jigbor minghand ir-rikorrent id-dokument mitlub.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li tenut kont dawn ic-cirkostanzi u l-fatt li l-kumpanija hija sodisfatta li r-rikorrent assenta minn fuq ix-xoghol mhux veru ghal ragunijiet ta' mard, izda kien abbuza mis-sick leave u ghamel dan ghal ragunijiet personali, li kien qed ifettex impjieg iehor u nvista ta' dan, l-kumpanija tterminat l-impjieg tar-rikorrent permezz ta' ittra datata 27 ta' Jannar, 2014 fejn infurmathu li l-impjieg tieghu kien gie tterminat minn mal-kumpanija b'effett mis-17 ta' Jannar, 2014.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li dan kollu sar wara li fit-22 ta' Jannar, 2014. Hija tghid ukoll, li r-rikorrent kien avzat b'ittra biex jiggustifika n-nuqqas tieghu u liema ittra naqas li jirrispondi fi zmien hames t'ijiem.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta bhala Deliveryman/driver mill-1 ta' Gunju, 2012 u l-impjieg tieghu gie**

**tterminat fis-17 ta' Jannar, 2014. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrent u s-superjuri tieghu ma kienitx wahda felici u principalment ghar-raguni, li huwa kien talab xi granet tal-leave li ma gewx approvati lilhu peress li diga kien hemm haddiem iehor li gie approvat lillhu l-leave.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management tal-kumpanija sar jaf minn terzi persuni li r-rikorrent kien applika biex jigi reklutat fil-korp tal-puluzija u ghaldaqstant bhala parti mill-process tar-reklutagg, kellu jghaddi minn diversi interviews u ezamijiet u ghalhekk kellu bzonn li jkollu hin hieles mix-xoghol biex ikun jistgha jattendi ghal dan il-process.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-18 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrent irraporta sick ghar-raguni li kif jghid hu waqt is-smigh tal-kaz, kien weggha siequ fis-17 ta' Jannar u dan l-incident kien sehh barra l-hin tax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu li r-rikorrent dam barra mix-xoghol kien hemm diversi kuntatti bejnu u bejn il-management, fejn kien qed jigi mitlub biex jipproduci certifikazzjoni dwar is-sick leave tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kif jghid ir-rikorrent ma setghax jipproduci c-certifikazzjoni fil-hin mitlub mill-kumpanija ghar-raguni, li meta mar izur it-tabib tieghu ma sabux. Mill-provi jidher car u anke mill-istess stqarrija tal-kaz tal-kumpanija, li l-management kien qed jissuspetta li r-rikorrent ma kienx veru sick u l-kumpanija nfurmat lir-**

**rikorrrent li kienet se tibghat it-tabib tal-kumpanija. Dwar dan ir-rikorrent kien qal lill management, li ma setghax jistenna aktar minn nofs siegha t-tabib tal-kumpanija ghax fil-ghodu kellu appuntament Mater Dei u wara nofs inhar kellu appuntament mat-terapista.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta mar it-tabib tal-kumpanija ma sabx ir-rikorrent id-dar u mill-istess provi jidher li l-kumpanija aktar bdiet tissuspetta li r-rikorrent kien qed jabbuza mis-sick leave.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghal din ir-raguni l-kumpanija nfurmat lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar, 2014 biex jipprezenta fi zmien 24 siegha certifikat mediku tas-sick leave tieghu kif ukoll, peress li meta mar it-tabib tal-Kumpanija fil-21 ta' Jannar, 2014 f'nofs inhar u ghoxrien minuta u ma kienx sabu d-dar, kellu jipprezenta dokumentazzjoni/certifikazzjoni mit-tabib jew physioterapista li hu kien qed jattendi ghal trattament.**

**Mill-provi li gew pprezentati quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta minn dokumentazzjoni, li r-rikorrent kien kopert b'certifikat tas-sick leave mit-18 ta' Jannar, 2014. Minn dokumentazzjoni ohra jirrizulta, li r-rikorrent kien zar l-Accident and Emergency Department ta' lis-sptar Mater Dei fit-18 ta' Jannar, 2014 kif ukoll li fil-21 ta' Jannar, 2014 ir-rikorrent kien mar ghand it-terapista Sandro Degabriele fejn dan ic-certifka " I Sandro Degabriele confirm that Mr Christian Grech has**

**been in my clinic today 21st Jan 2014 time 12.00p.m till 1p.m. for therapy regarding his severe knee pain".**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li fis-27 ta' Jannar, 2014 is-socjeta nfurmat lir-rikorrent "Due to a series of events and your recent absence from work, I am therefore writing to confirm the decision that you are dismissed starting from your last day of service of work with the company which was the 17th January, 2014. The documentation sent to the company does not justify your absence from work besides other actions taken by you that has led us to this decision" u l-kumpanija tkompli tghid " You are hereby being dismissed from work on disciplinary grounds as from the 17th January, 2014".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrent u s-superjuri tieghu ma kienitx wahda felici.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett imsemmi hawn fuq isib, li primarjament ir-raguni li ma kienx hemm atmosfera tajba kienet li r-rikorrent kien hassu ddiszapuntat ghax kien talab leave li ma giex approvat mill-management ghar-raguni li kien hemm diga mpjegat iehor li kien se jkun bil-leave. Dwar dan l-aspett dan it-Tribunal Industrijali jirrimarka, li l-management kellu dritt li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-leave tar-rikorrent.**

**Kif jirrizulta mill-provi, jidher li r-relazzjoni bejn ir-rikorrent u s-superjuri tieghu kompliet tehzien meta l-management tal-kumpanija sar jaf minn terzi persuni, li r-rikorrent kien applika biex jidhol fil-korp tal-puluzija u beda jigi nterpretat li s-sick leave, li kien qed jiehu, ma kienx ghall-raguni li hu kien verament sick izda kien qed jiehu sick leave biex ikollu hin hieles halli jattendi ghal ezercizzji li kienu qed isiru biex jidhol fil-korp tal-puluzija, infatti fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid li r-rikorrent assenta minn fuq ix-xoghol mhux veru ghal ragunijiet ta' mard, izda kien abuza mis-sick leave u ghamel dan ghal ragunijiet personali li kien qed ifettex impjieg.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li dawn il-hsibiejiet tas-socjeta setghu gew ri-infurazati minn sensiela ta' grajjet li sehhew fosthom, meta r-rikorrent kien jinsab bis-sick leave fejn kien gie nfurmat mill-management, li kien se jintbghat it-tabib id-dar u r-rikorrent kien informa lill-management, li ma kienx se jkun id-dar ghax kellu jmur ghal terapija u dan wassal biex il-management beda jahseb li r-rikorrent kien qed jabbuza mis-sick leave, ghaldaqstant kien ghalhekk li l-management informa formalment lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar, biex jipprovdi dokumentazzjoni li setghu jikkonfermaw li hu kien verament marid.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-ittra tat-22 ta' Jannar, jirrizultalu li fl'ebda stadju tal-kontenut ta' din l-ittra l-management ma kien qed jakkuza lir-rikorrent li kien qed**

**jabbuza mis-sick leave, izda sempliciment ir-rikorrent gie mitlub biex jipprovdi dokumentazzjoni u certifikazzjoni dwar is-sick leave tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li wara l-ittra tat-22 ta' Jannar, ir-rikorrent ircieva ittra ohra min ghand il-management datata 27 ta' Jannar, fejn permezz ta' din l-ittra gie tterminat l-impjieg tar-rikorrent. F'din l-ittra, r-raguni principali ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg li jghati l-management hija "The documentation sent to the company does not justify your absence from work besides other actions taken by you that has led us to this decision".**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jasal ghal konkluzjoni, li r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg li giet moghtija mill-Kumpanija, jsib li l-kumpanija qed tghid li d-dokumentazzjoni pprovduta mir-rikorrent ma kienitx tiggustifika l-assenza tieghu mix-xoghol kif ukoll azzjonijiet ohra li kien ghamel waslu lill kumpanija biex tiehu d-decizjoni li tittermina l-impjieg tieghu.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina r-ragunijiet li gew moghtija mill-Kumpanija ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg jikkonkludi, li l-kumpanija akkuzat lir-rikorrent b'nuqqasijiet u minghajr ma tghatu l-opportunita biex jiddefendi l-kaz tieghu tterminat l-impjieg tieghu. It-Tribunal Industrijali hu ta' fehma, li l-kumpanija minflok li qabdet u ddecidiet li tittermina l-impjieg tar-rikkorent, kellha qabel tiskatta process ta' dixxiplina fejn tinforma lir-rikorrent ir-ragunijiet ghaliex ma kienitx**

**sodisfatta bid-dokumentazzjoni kif ukoll, x'kienu l-azzjonijiet l-ohra li ghamel ir-rikorrent u dawn jigu fformulati forma ta' "charge" fejn ukoll kienet tinforma lir-rikorrent b'data u hin biex huwa jkollu l-opportunita biex jiddefendi lilhu nnfisu u anke jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu, biex tassistih jiddefendi lillhu nnifsu fuq l-akkuzi li jkunu qed isiru kontrih.**

**Dan it-Tribunal Industrijali f'diversi Decizjonijiet ohra kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu in-nuqqasijiet tieghu, jghatih l-opportunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li s-sid kien iddecieda li jittermina l-impjieg tar-rikorrent qabel ma tah l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li Statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal-**

**konkluzjoni, li r-rikorrent ma giex moghti l-opportunita ta' smigh xieraq biex jiddefendi l-kaz tieghu u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrent ghandu jithallas kumpens minghand International Trading Company Limited li jammonta ghal €3,200 (tlett t'telef u mitejn euro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Illum : 29 ta' Mejju, 2018**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**